# Kumitat Amministrattiv SWATAR

**Kunsilli Lokali Birkirkara u L-Imsida**

Swatar Administrative Committee – Birkirkara and L-Imsida Local Councils

# Minuti

## Seduta Nru. 38/2013

Data: Il-Ħamis, 13 ta' Ġunju 2013

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida, Pjazza Menqa Msida

---

Preżenti: Mary Rose Mifsud – *Chairperson*
Jane (Yvonne) Spiteri – *Membru*
Catherine Mangion – *Membru*
Christopher Galea – *Aġent Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: Rudolph Cini – *Membru*
John Mary Zahra (Jimmy) – *Viċi Chairperson*

❖ Ħadd m'attenda minn naħa tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara kif ukoll tal-Imsida.

---

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti Mqajma mill-Minuti;
4. Korrispondenza;
5. Ġieħ is-Swatar 2013;
6. Korsijiet tal-Krafts;
7. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat;
8. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson;*
9. Għeluq u Aġġornament.

## Kontenut

Annex A Minuti 38/2013

Annex B Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

**Annex A**

**Minuti 38/2013**

# 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa kellha tibda fis-6:30pm minħabba li ċ-Chairperson kellha affarijiet personali li ma setgħetx ma tattendix. Is-Sur Cini ma setgħax jattendi għal din il-laqgħa minħabba li tbiddel il-ħin pero ma sabx oġġezzjoni li l-laqgħa ssir f'dak il-ħin.

# 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**2.1** Il-Minuti tas-Seduta 36/2013 u 37/2013 kienu tqassmu qabel, ittieħdu bħala moqrija, ma kienx hemm korrezzjonijiet u ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

# 3. Punti Mqajma mill-Minuti

**3.1** **Fuq Punt 3.2 –** Iċ-*Chairperson* irrimarkat li l-bandli qed ikun vandalizzat u mhux sew li l-Kumitat qed jibqa' jagħmel spejjeż biex jirranġah imbagħad jitkissru b'vandaliżmu. *Bandli tas-Swatar*

**3.2** **Fuq Punt 3.3 –** Iċ-*Chairperson* qalet li rigward it-traffic management ġie deċiż li jsir b'diskussjoni maż-żewġ Kunsilli rispettivi minħabba li kull deċiżjoni ser tolqot it-traffiku maż-żewġ Kunsilli iżda ser jieħu ħsiebha l-perit tal-Kunsill Lokali Birkirkara. *Ittra lir-Residenti dwar Traffic Management.*

**3.3** **Fuq Punt 6.2 –** Iċ-*Chairperson* qalet li trid tagħmel appuntament mal-Ministru tal-MEPA u tiddiskuti l-proġett li hemm maħsub għal din l-area. *Proġett tas-Sisla*

**3.4** **Fuq Punt 7.4 –** Iċ-*Chairperson* qalet li kellha laqgħa dwar il-life long learning mal-Ministru Evarest Bartolo fejn ser jikkonsidra li l-iskejjel tal-Gvern jinfetħu filgħaxija għall-użu tal-Kunsilli. *Life Long Learning*

# 4. Korrispondenza

**4.1** Inqrat il-korrispondenza b'imejl mill-Inġ. Joseph Micallef fejn qed jilmenta dwar it-traffic management li sar fi Triq Mons A Bonnici. Il-Kumitat iddiskuta din l-imejl u ddeċieda li jikkonsulta dan l-ilment mal-Perit tal-Kunsill. *Imejl mill-Inġ. Joseph Micallef*

# 5. Ġieħ is-Swatar 2013

**5.1** Il-Kumitat iddiskuta l-programm li ser isir għas-serata ta' Ġieħ is-Swatar 2013. Din is-serata ser issir fit-30 ta' Ġunju 2013. Ġew approvati wkoll l-ispejjeż kollha marbuta ma' din is-serata li f'dan l-istadju kienu għadhom estimu minħabba l-fatt li l-affarijiet ma *Ġieħ is-Swatar 2013*

kienux għadhom ordnati. Dan l-estimu tal-ispejjeż intbgħat ukoll liż-żewġ Kunsilli rispettivi għall-approvazzjoni tagħhom.

**5.2** Il-Kumitat ifforma sotto-kumitat biex jagħżel fost in-nominati għall-Ġieħ is-Swatar. Dan ġie kompost miż-żewġ Segretarji Eżekuttivi u miż-żewġ Sindki tal-Kunsilli rispettivi. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv tas-Swatar ikun is-segretarju ta' dan is-sotto-kumitat.

## 6. 6. Korsijiet tal-Krafts

**6.1** Il-Kumitat approva l-flyer tal-korsijiet tal-Krafts li ser jitqassam fid-djar tar-residenti kollha tas-Swatar. Dan il-flyer ser jintbgħat lill-Kunsilli Lokali rispettivi għall-approvazzjoni tagħhom qabel jitqassam.

*Flyer għal Korsijiet tal-Krafts*

## 7. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat

**7.1** Ma kienx hemm ebda intervent jew mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat.

## 8. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

**8.1** Iċ-*Chairperson* qalet li fin-naħa ta' Birkirkara, Swatar mhux qed issir it-tindif għax qed ikun hemm ħafna ħmieġ.

*Tindif*

**8.2** Iċ-*Chairperson* qalet li marret il-laqgħa tal-Kumitati Amministrattivi mal-Ministru Joe Mizzi fejn ġew diskussi l-problemi tal-Arriva. Il-Kumitat irid jibgħat il-proposti finali tar-rotot tal-Arriva lil Transport Malta. Dawn il-proposti ġew diskussi u approvati mill-Kumitat waqt l-istess laqgħa.

*Rotot tal-Arriva*

## 8. Għeluq u Aġġornament.

**8.1** Il-laqgħa spiċċat fid-9:30pm. Il-Kumitat unanimament qabel li l-laqgħa għandha tiġi aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 17 ta' Lulju 2013, fil-5:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

Mary Rose Mifsud
*Chairperson*

Christopher Galea
Aġent Segretarju

Data

**Annex B**

# Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| Ref. | Suġġett | Entita' / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|
| **5** | *Ġieħ is-Swatar 2013* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **6** | *Flyer għal Korsijiet tal-Krafts* | *Aġent Segretarju Eżekuttiv* |
| **8.2** | *Rotot tal-Arriva* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |